**IL-FIDI: Tħallihiex tibqa' biss dik tat-tradizzjonijiet u l-passat imma ħalliha tistiednek tikber u ssir għaref tassew.**




**Huwa importanti li nkunu nafu l-kontenut tal-fidi tagħna biex inkunu nistgħu nitħeġġu u niġġeddu bla waqfien bħala dixxipli tal-Mulej.**



PARROĊĊA TA' ĦAL SAFI
KONVERŻJONI TA' SAN PAWL
Tel: 21 649 223



*Messaġġ tal-Kappillan*

# IN-NANNIET:

## MILL-PAĊENZJA GĦALL-GĦERF

Reġa' wasal is-Sajf: żiedet is-sħana li ma tħallilek saħħa tagħmel xejn u t-tfal bdew igawdu l-mistrieħ wara sena ta' studju. Għall-ġenituri li jkunu jaħdmu, dan iż-żmien iġib ukoll biċċa wġigħ ta' ras mhux ħażin għax ikollhom jaraw kif ser jimpenjaw lill-uliedhom u jsibu ma' min iħalluhom waqt li huma jkunu x-xogħol. Bosta drabi, iduru lejn xi *summer school* jew lejn il-ġenituri tagħhom. In-nanniet rari jgħidu le għax in-neputijiet jerġgħu jagħtuhom il-gost tal-ħajja għalkemm joħdulhom saħħithom. Fiż-żgħar, huma jaraw parti minnhom li se tibqa' tgħix warajhom kif ukoll iġeddu t-tifkiriet ta' meta kienu qed irabbu lil uliedhom. In-nanniet għandhom sehem importanti ħafna fit-trobbija tal-ulied, mhux biss għax magħhom it-tfal iħossu ċertu sens ta' sigurtà emozzjonali, imma wkoll għax huma jgħaddulhom kemm il-valuri kif ukoll is-sens tal-istorja, tal-ġrajjiet li jkunu għexu.

***Nanniet partikulari: Sant'Anna u San Ġwakkin***

Fis-26 tax-xahar ta' Lulju, il-Knisja tfakkar nanniet partikolari: Sant' Anna u San Ġwakkin, omm u missier il-Madonna u għalhekk in-nanniet tat-tfajjel Ġesù. Iż-żgħar tagħna jistagħġbu meta jisimgħu li Ġesù, bħalhom, kellu n-nanniet u malajr jibdew jirrakkuntaw l-istejjer dwar in-nanniet tagħhom filwaqt li jistaqsu x'kien jagħmel Ġesù man-nanniet tiegħu!

Ftit nafu dwar dawn iż-żewġ qaddisin iżda skont ir-rivelazzjoni lill-Venerabbli Marija ta' Agreda, Ġwakkin, raġel ġust u umli, onest u qaddis, midħla sew tal-Iskrittura u tal-kitbiet tal-profeti, kien jitlob bil-ħerqa u bla waqfien lil Alla biex iwettaq il-wegħda tiegħu u jibgħat il-Messija. It-talba tiegħu waslet għand il-Missier u l-anġlu Gabrijel qallu li kellu jieħu lil Anna, minn Betlehem, b'martu għax Alla l-Għoli kien berikha u fdaha lilu. Ġwakkin obda u t-tnejn kienu jgħixu ħajja sempliċi u umli f'Nażaret. Iżda Ġwakkin u Anna baqgħu għal għoxrin sena sħaħ bla wlied, ħaġa ta' għajb kbir dak iż-żmien, u kienu jbatu ħafna minn ilsien in-nies li kienu jakkużawhom li Alla nsihom u li huma ma kinux jogħġbu lil Alla.

Darba, Ġwakkin mar jitlob fit-tempju u l-qassis il-kbir Issakar ċanfru bl-aħrax talli ażżarda jmur joffri s-sagrifiċċju minkejja li ma kellux tfal. Huwa qallu li s-sagrifiċċji u l-offerti tiegħu lil Alla ma kinux jogħġbuh u keċċieh mit-tempju. Ġwakkin, mifxul, inqata' waħdu għal xi ġranet u kien jitlob bil-ħerqa lil Alla biex ineħħi l-għajb tiegħu u ta' martu.

Deherlu l-anġlu Gabrijel u qallu li Alla kien sema' l-karba tiegħu: martu Anna kien se jkollha tifla li kellha tkun imbierka fost in-nisa u hu kellu jagħtiha l-isem ta' Marija. L-istess messaġġ wassal l-anġlu lil Anna u t-tnejn iltaqgħu f'Ġerusalemm, biswit il-Bieb tad-Deheb, minn fejn marru flimkien jiżżu ħajr lil Alla għat-tnissil ta' binthom, li ferraħ lis-sema u l-art. B'dan il-mod, Ġwakkin u Anna saru missier u omm Marija u iktar tard, in-nanniet ta' Ġesù Bambin.

***In-Nanna Rosa u l-Papa Franġisku***

Il-Papa Franġisku wkoll għandu mħabba speċjali lejn in-nanniet u ma joqgħodx lura milli jsemmihom fid-diskorsi tiegħu. Kienet in-nanna tiegħu, Rosa Margarita Vassallo de Bergoglio, omm missieru, li lilu għallmitu jitlob u wrietu t-triq tal-fidi.

Darba, waqt il-Vġili ta' Pentekoste tal-2013, il-Papa qal hekk: *"Jien kelli x-xorti kbira li nikber f'familja fejn konna ngħixu l-fidi b'mod sempliċi u prattiku. Iżda kienet in-nanna, omm missieri, li l-iktar li mmarkat il-vjaġġ tal-fidi tiegħi. Kienet mara li kienet tispjegalna, li kienet tkellimna dwar Ġesù, li għallmitna l-Katekiżmu. Dejjem niftakar kif fil-Ġimgħa l-Kbira filgħaxija, kienet toħodna għall-purċissjoni mdawla bix-xemgħa u fl-aħħar tal-purċissjoni kien ikun hemm Kristu mejjet u n-nanna kienet iġġiegħel lilna t-tfal ninżlu għarkupptejna filwaqt li tgħidilna: 'Araw, mejjet, imma għada jqum.' Dan huwa l-mod kif irċevejt l-ewwel aħbar Nisranija tiegħi, mingħand din il-mara, mingħand in-nanna tiegħi. Din hija ħaġa tassew sabiħa! L-ewwel aħbar fid-dar, fil-familja!"*

***In-Nanniet b'Missjoni Importanti***

*"Jekk l-anzjani ma joħolmux,*
*iż-żgħażagħ ma jarawx il-futur.*
*Għandna bżonn nanniet li joħolmu*
*u jżommu l-memorja ħajja."*

Tassew hu minnu dan il-kliem ta' Papa Franġisku għax jiftħulna għajnejna sew biex lin-nanniet u l-anzjani tagħna ma narawhomx biss bħal dawk li tajbin biss biex jieħdu ħsieb liż-żgħar tagħna u jħarsuhom mill-periklu, imma ejjew nagħrfu wkoll li hu essenzjali biex jgħinuhom jiskopru lil Ġesù fil-ħajja tagħhom u jkunu magħhom fil-mixja tal-fidi billi jweżnuhom ukoll bl-



***Kemm hi mbierka dik Sant' Anna', Il-Bambin jgħidilha: 'Nanna'.***

***Kemm hu mbierek San Ġwakkin, 'Nannu' jgħidlu il-Bambin.***





Il-Ġimgħa 5 ta' Lulju — **L-Ewwel Ġimgħa tax-xahar**
Filgħodu - Tqarbin tal-Morda fi djarhom
Fis-5:45pm - Qrar
Fis-6:30pm - Quddiesa
Fis-7:00pm - Adorazzjoni u Barka Sagramentali.

Mit-Tnejn 8 ta' Lulju sal-Ġimgħa 12 ta' Lulju — **Ġimgħa ta' Tagħlim mis-Soċi tal-M.U.S.E.U.M.: *JIEN NEMMEN F'ALLA***
Fis-7:15pm - Fil-Bitħa tal-M.U.S.E.U.M. tas-subien.

